MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1117/2002

**Shirley Atie.**

**vs.**

**Avukat Vincent Galea u l-P.L. Louisa Tufigno nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill Aiman Atie assenti minn Malta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Ottubru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, fit-23 ta' Lulju 1996, l-attrici zzewget lill-konvenut liema zwieg sar fil-Knisja ta' Santa Tereza, B'Kara u dan kif jidher fuq ic-certifikat hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok. "SA1";

Illi, minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi, il-konvenut zewgha huwa hati ta' abbandun ghal aktar minn sentejn minghajr raguni valida kif ser jintwera fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, il-hajja mizzewga m'ghadhix aktar possibli minhabba li z-zwieg tkisser irremdjabilment u dana tort unikament tal-konvenut;

Illi, is-Sekond' Awla b'digriet tat-12 ta' Settembru 2002, tat l-awtorizazzjoni taghha sabiex il-partijiet ikunu jistghu jipprocedu ghall-firda personali quddiem il-Qorti kompetenti (Dok. "SA2");

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba abbandun ghall-aktar minn sentejn minghajr ebda raguni valida;

2. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** billi tghid li l-konvenut tilef id-drittijiet imsemmija fl-istess **artikolu 48;**

3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida l-kommunjoni billi tiddikjara li tikkonsisti f'dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti f'ishma mhux necessarjament indaqs;

6. Tassenja sehem lil kull wahda mill-partijiet, b'dan li l-akbar sehem jigi assenjat lill-attrici;

7. Tillikwida l-alimenti li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-manteniment taghha;

8. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-manteniment hekk likwidat;

9. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici;

10. Tawtorizzaha tiehu lura kunjom xbubitha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 17 tal-process.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fl-14 ta’ Novembru 2002, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista’ premezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-kuraturi deputati datata 31 ta’ Dicembru 2002 a fol 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huma humiex edott mill-fatt u jirrizervaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv’eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut/i a fol 27 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 28 ta’ Frar 2003, fejn ir-rikorrenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta Assistent Gudizzjarju u tawtorizzaha zzomm zewg seduti biex taghlaq il-provi taghha qabel id-differiment li jmiss.

Rat id-Digriet tal-Qorti datat 3 ta’ Marzu 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u nnominat lil Dr. Kenneth Gulia sabiex fil-mori tad-differiment li jmiss jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha li fadal attrici.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Marzu 2003, fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tat-3 ta’ Marzu 2003. Dr. Wettinger prezentat l-affidavit attrici *seduta stante*. Dr. Wettinger iddikjarat li ma tafx il-konvenut fejn jinsab u allura ma hemmx manteniment x’jigi likwidat u komunjoni tal-akkwisti m’hemm xejn ta’ valur.

Rat in-nota tal-attrici datata 4 ta’ Marzu 2003 fejn gew pprezentati l-affidavits ta’ l-attrici, Carmen Pulis, Epiphanio Pulis, David Pulis, Emmanuel Pulis, Mary Borg u Elaine Borg, bhala Dok. “SP 1” SA Dok. “SP 7” minn fol 35 sa fol. 57 tal-process.

Rat l-istess affidavits.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju datata 28 ta’ April 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Gunju 2003 fejn il-partijiet informaw lill-Qorti li l-provi kienu maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li tissepara mill-konvenut u dan ghaliex l-istess konvenut abbandunaha ghall-aktar minn sentejn minghajr raguni valida.

Illi mill-provi prodotti jidher li l-konvenut li huwa barrani, kien ilu Malta minn Awissu 1994, u ltaqa’ mal-attrici f’Marzu 1995 meta kien hawn Malta jahdem mal-kumpanija ASL, izda wara ftit tilef ix-xoghol u l-partijiet izzewgu, bil-konsegwenza li l-attitdini tal-konvenut lejn l-attrici tbiddlet drastikament tant li bdew jiggieldu ta’ spiss, anke’ peress li l-istess konvenut beda’ johrog wahdu. Jirrizulta car li l-konvenut ried jizzewweg lill-attrici sabiex ikun jista’ joqghod hawn Malta legalment, tant li d-data

taz-zwieg giet iffisata proprju fit-23 ta’ Lulju 1996, id-data meta kien jiskadi l-passaport tal-konvenut li kien Labaniz.

Illi fil-fatt l-konvenut kien thabbat sabiex iggib ic-cittadinanza Maltija u dan irnexxielu jaghmlu fil-11 ta’ Dicembru 1996 u inhariglu passaport Malti fil-15 ta’ April 1997. Ili ftit wara z-zwieg l-konvenut iddecieda li ried jiftah kumpanija ta’ l-elletronika, u f’Awissu 1997 mar Dubai u ha mieghu Lm3,000 mislufa lilu minghand zija tal-attrici. Kellu jdum biss ftit jiem, izda cempel u qal lill-attrici li kellu jdum naqra izjed ghaliex ommu kienet ma tiflahx; wara regha cempel u qal lill-attrici li l-flus kien uzahom sabiex jikkura lil ommu; ma riedx jigi lura Malta minghajr flus u baqa’ ma giex Malta; cempel darb’ohra u qal lill-attrici li kien sejjer l-Amerika ma’ huh, izda fil-fatt l-konvenut kien ghix xi zmien il-Canada. F’Jannar 1998 kien rega’ cempel lill-attrici u qalla li kellu bzonn xi flus u hija kien baghtitlu Lm100! L-ahhar darba li cempel kien fi Frar 1998 u minn dak in-nhar ma kien hemm l-ebda kuntatt iehor, anke’ ghaliex l-istess konvenut kien ibiddel ir-residenza tieghu ta’ spiss. Habib tal-konvenut qal lill-attrici li l-konvenut kien qallu li ma kienx ser jirritorna izjed Malta.

Illi dan kollu huwa kkoroborat mix-xhieda ta’ numru sostanzjali ta’ xhieda li resqet l-attrici, u fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li dan kien zwieg ta’ konvenjenza, u fil-fatt l-ewwel talba attrici giet ippruvata *stante* li l-konvenut abbanduna lill-attrici habta u sabta ghall izjed mill-perjodu indikat fil-ligi, bla ebda raguni u ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha.

Illi ovvjament it-tieni talba ghandha wkoll tigi milqugha b’dan li qed jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

Illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha wkoll tigi ddikjarata xolta b’effett minn Awissu 1997, id-data meta l-konvenut telaq minn Malta.

Illi dwar komunjoni tal-akkwisti din jirrizulta li ma hemm xejn fiha xejn ta’ valur, u certament li kull haga li tipposedi l-attrici hija frott l-introjtu taghha, *stante* li l-konvenut qatt

ma kkontribwixxa xejn, anzi jidher li dejjem strah fuq l-attrici u niesha sabiex jghix u fil-fatt issellef Lm3,000 minghand iz-zija taghha li marru mar-rih u qatt ma rrifondihom; inkredibilment l-attrici avvanzat somma zghira ohra lill-konvenut meta dan talabha meta huwa kien gja abbandunha!

Illi f'dawn ic-cirkostanzi jidher li l-fond Entrance E, Flat 3, Binja Nigret, Zurrieq li jinsab b'kera ghand l-attrici ghandu jibqa' eskussivament mikri lill-attrici, b'dan ghalhekk li kopja legali  ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lil sid il-kera sabiex l-istess kera b'effett mid-data ta' din is-sentenza tibqa' biss fuq l-attrici, b'dan li l-konvenut ma jkollu u lanqas ghandu ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess; minbarra dan il-konvenut jibqa' esklussivament responsabbli ghall-hlas tad-dejn ta' Lm3,000 mislufa lilu, li huwa naqas li jirrifondi.

Illi dwar manteniment l-attrici ghandha d-dritt *ut sic* li tigi mantnuta mill-konvenut, pero' ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tieghu u ghalhekk din il-Qorti tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' u t-tmien talba attrici; min-naha l-ohra id-disa' u l-ghaxar talba ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba abbandun ghal aktar minn sentejn minghajr ebda raguni valida b'dan ukoll li l-hajja konjugali ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tiksser irremedjabilment ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

(2)  Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** billi

tghid li l-konvenut tilef id-drittijiet imsemmija fl-istess **artikolu 48** kollha.

(3) Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Awissu 1997.

(4) Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li din tikkonsisti biss f'dejn li ghamel il-konvenut assenti fl-ammont ta' tlett t'elef lira Maltija (lm3,000) u wkoll fil-kera tal-fond Entrance E, Flat 3, Binja Nigret, Zurrieq.

(5) Tilqa' din it-talba fis-sens li ma hemm xejn x'jigi verament diviz fl-istess komunjoni *stante* li din ma ghandha ebda valur, hlief dejn li ghamel il-konvenut ta' Lm3,000 biex siefer u l-kera tal-fond Entrance E, Flat 3, Binja Nigret, Zurrieq.

(6) Tilqa' s-sitt talba biss fis-sens li tiddeciedi u tordna li l-konvenut jibqa' unikament responsabbli sabiex ihallas id-dejn kollu li lahaq ghamel qabel ma abbanduna lill-attrici, inkluz ghalhekk li jirrifondi l-ammont ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) u wkoll tassenja lill-attrici il-kera esklussiva tal-fond Entrance E, Flat 3, Binja Nigret, Zurrieq, b'dan li tordna lill-attrici sabiex tinnotifika a spejjez taghha kopja legali ta' din is-sentenza lil sid il-kera sabiex tali kera tibda tghajjat esklussivament lill-attrici, b'dan li jigi riaffermat li l-konvenut ma ghandu l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess fond.

(7) Tastejni milli tiehu konjzzjoni ta' din it-talba *stante* li ma ingabhet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, b'dan pero' li jigi riaffermat id-dritt tal-attrici ghall-hlas ta' alimenti kontra l-konvenut.

(8) Tasteni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-manteniment hekk likwidat *stante* li ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut.

(9) Tilqa' din it-talba u tassenja l-fond Entrance E, Flat 3, Binja Nigret, Zurrieq lill-attrici kif fuq premess.

(10) Tawtorizzaha tiehu lura kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, fil-waqt li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------